Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 144/2015

Il-Pulizja

Spettur Sylvana Briffa

Vs

Juanita Grech

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Juanita Grech, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 549865M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Ta' Xbiex, u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta' Mejju, 2014, ghall-habta ta' 22:51hrs u ghall-habta ta' 23:41hrs fi Triq Giuseppe Cali, Ta' Xbiex,

a) F'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal-skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopjiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli naqset milli tibdi ordnijiet legittimi tal-awtorita' ta wiehed inkarigat minn servizz pubbliku.

c) U aktar talli kisret il-provediment tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta' Settembru, 2013.

d) U aktar talli saret recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputata hatja kif akkuzata u kkundannata ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Juanita Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberha minnha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Juanita Grech huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Mill-provi prodotti li kienu affidacvits ma jidhirx li kien hemm l-elementi ta' reat ta' prostituzzjoni, sante li m'hemm l-ebda prova li kienet qeghda tavvicina jew kienet avvicinat irgiel jew terzi persuni fejn kienet qeghda toffri xi servizz ta' prostituzzjoni. Kienet sempliciment timxi f'zona fejn hija maghrufa ghall-prostituzzjoni, izda mhux kull mara li timxi hemm hija prostituzzjoni.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena ta' karcerazzjoni effettiva mhix ekwa u gusta meta titqies li hemm kazijiet ta' prostituti noti li ma jinghatawx prigunierja, izda pieni alternattiva.

Ikkunsidrat,

L-appellanti tressaq il-kritika taghha fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi tilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti u dan ghaliex l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju abbazi tal-provi li kien hemm fl-atti konsistenti fi tlett *affidavits* tal-ufficjali tal-pulizija involuti fil-kaz. Illi l-akkuzi inharrgu kontra l-appellanti fuq suspett biss u mhux fuq provi konkreti li hija kienet qed tikser id-disposizzjoni 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min ezami akkurat ta'dawn it-tlett *affidavits* ta' WPC256 L.Sant, WPC 89 Mariella Spiteri u PS1475 Frank Casar, li huma tista' tghid forokopja identika ta' xulxin, jemergu is-segwenti fatti:

1. Illi l-appellanti giet osservata fi Triq Guzeppi Cali il-Gzira ghal habta tal-hdax neqsin ghaxra ta' fil-ghaxija.

2. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja peress illi kienet maghrufa drabi ohra li tkun qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akwati.

3. Avvicinata minn dawn l-ufficjali u mitluba biex titlaq mill-post, l-appellanti accettat u telqghet.

4. Madwar siegha wara l-istess ufficjali tal-pulizija regghu raw lill-appellanti fl-istess ppost u regghet giet ordnata biex titlaq u mgharrfa li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha dwar tlajjar.

5. L-appellanti kienet liebsa flokk iswed u leggings vjola.

Esposti dawn il-fattispecje imressqa quddiem l-Ewwel Qorti huwa evidenti illi ghalkemm l-ufficjali tal-pulizija setghu kellhom suspett dwar l-agir ta'l-appellanti,

madanakollu ma hemm l-ebda prova konkreta illi l-appellanti kienet qed titlajja. Illi gie deciz:

**"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz Behrendt vs Burridge(1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta'l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) ta'l-artikolu 7 tal-Kap.63.[1]"**

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellanti fl-ebda hin ma giet osservata thajjar lil xi persuna ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fil-fatt fl-ebda mument ma intlemhet tieqaf tkellem lil xi persuna ohra. L-uniku fatt materjali li wassal sabiex inhargu l-akkuzi fil-konfront taghha, ai termini ta'l-artikolu 7(2) tal-Kap.63, kien il-fatt illi hija giet osservata ghal darbtejn wieqfa fl-istess post u dan f'temp ta' siegha. Illi it-tlajjar jew kif inhu maghruf bl-ingliz "loitering" f'post pubbliku huwa l-att materjali li iwassal ghal kostistuzzjoni tar-reat, izda dan il-fatt irid necessarjament ikun akkompanjat bl-intenzjoni kriminuza u cioe' illi l-att fiziku tat-tlajjar ikun qed isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Issa kif ser tigi ippruvata din il-*mens rea* jekk mhux bi provi cirkostanzjali li maghdudin flimkien jistghu iwasslu ghal din il-konvinzjoni lil hinn munn kull dubbju. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti kif idversament ippresjeduta:

---

[1] Il-Pulizija vs Joseph Vella App. Inf. 30/05/1994

**"L-element tac-*circumstantial evidence* huwa f'dan ir-reat evidententement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi l-veri intenzjoni ta' dak li jkun.[2]"**

Illi f'dan il-kaz il-fatt wahdu li l-appellanti hija persuna maghrufa fid-dinja tal-prostituzzjoni mhuwiex bizzejjed sabiex tinsab reita'. Kif lanqas ma tista' din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni kwalsiasi diskors illi hija setghet qalet lill-pulizija meta giet iwmaqqfa bhal kliem "Jiena ma niehu xejn mill-gvern, min ha jaghtihomli il-flus". Dan ghaliex ma hux indikat jekk hija inghatatx it-twissija skont il-ligi qabel ma giet mitkellma mill-pulizija u allura id-diskors li setghet qalet meta giet imwaqqfa ser jigi skartat.

Jifdal ghalhekk zewg elementi probatorji li tista' tistrieh fuqhom il-Qorti u cioe' il-fatt illi hija giet osservata ghal hin ripetut fl-istess post, ghalkemm giet imwissija biex titlaq, u l-mod kif kienet liebsa. L-ebda moviment iehor jew azzjoni da parti ta'l-appellanti ma sehh biex jitfa' xi dawl fuq din il-vicenda. Issa in kwantu ghal mod kif kienet liebsa l-appellanti, ma jidhirx illi gie allegat li din kienet liebsa oxxen jew b'xi mod provokattiv. Jinghad mill-uffcijali tal-pulizija li din kienet liebsa flokk iswed u leggings vjola. L-ebda fattur iehor ma gie osservat dwar l-abbiljament taghha bhal per ezempju kenitx liebsa skullat, jekk kellhiex xi ammont esagerat ta' *make-up*, jekk kenitx qed taghmel xi mossi provokattivi jew suggesstivi bl-iskop li thajjar lil xi persuna jieqaf hdejha, fost ohrajn. Allura din il-Qorti tqies illi ghalkemm seta' nibet is-suspett fl-ufficjali tal-pulizija dwar l-intenzjoni kriminuza ta'l-appellanti f'dik il-lejla, madanakollu din kienet biss assunzjoni da parti taghhom minghajr provi ohra li jistghu iwasslu sabiex tigi stabbiliti l-intenzjoni kriminuza li twassal ghal sejbien ta' htija. Ghalhekk il-fatt materjali wahdu illi hija giet osservata fl-istess post fi triq pubblika ghal darbtejn f'temp ta' siegha fil-hin ta' bil-lejl, minghajr ebda prova ohra li tista tindika l-intenzjoni ta'l-appellanti ma hijiex sufficjenti sabiex tirnexxi l-akkuza.

---

[2] Il-Pulizija vs Michael Falzon – App. Inf 19/06/2002

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lil Juanita Grech minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur